**MALTA**

**QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)**
**BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI**

**MAGISTRAT Dr IAN FARRUGIA LL.D**

**Illum 25 t'April 2018**

**IL-PULIZIJA**
**(Spettur Michael Mallia)**

**Vs**

**MARIORICK (MARIO PATRICK) MIFSUD**

Kump Nru. 49/2010

**IL-QORTI**;

Rat li l-imputat **Mariorick (Mario Patrick) Mifsud** detentur tal-karta tal-identita numru 436272M **,** gie akkuzat talli:

a) Fil-5 t'Ottubru 2007 u fis-snin ta' qabel din id-data, b'diversi atti maghmulin fi zminijiet differenti u li jiksru l-istess dispozizzjoni tal-Ligi u li gew maghmulin b'rizoluzzjoni wahda, ai termini tal-Artikolu 18 tal-Ligijiet ta' Malta Kapitolu 9 u cioe;

b) Talli fix-xahar ta' Novembru 2005 u fis-snin ta' wara f'dawn il-Gzejjer, b'mezzi kontra l-ligi jew billi ghamilt uzu ta' ismijiet foloz, jew ta' kwalifiki foloz, jew billi inqdejt b'qerq iehor, ingann jew billi urejt haga b'ohra sabiex igieghel jitwemmen l-ezistneza ta' intraprizi foloz, jew ta' hila jew setgha fuq haddiehor jew ta' krediti immaginarji, jew sabiex tqanqal tama jew biza dwar xi grajja kimerika, ghamilt qligh b'qerq ta' aktar minn mitejn u tnejn u tletin Ewro u tlieta u disghin centezmu (€232.93) izda mhux aktar minn elfejn tlett mija u disgha u ghoxrin Ewro u sebgha u tletin centezmu (€2,329.37) ghad-dannu tal-Kumitat tal-Festi Esterni ta' Maria Regina l-Marsa;

c) Talli fix-xahar ta' Jannar 2005 u fix-xhur ta' wara, f'dawn il-Gzejjer, b'mezzi kontra l-ligi jew billi ghamilt uzu ta' ismijiet foloz, jew ta' kwalifiki foloz, jew billi inqdejt b'qerq iehor, ingann jew billi urejt haga b'ohra sabiex igieghel jitwemmen l-ezistenza ta' intraprizi foloz, jew ta' hila jew setgha fuq haddiehor jew ta' krediti immaginarji jew sabiex tqanqal tama jew biza dwar xi grajja kimerika, ghamilt qligh b'qerq ta' aktar minn elfejn tlett mija u disgha u ghoxrin ewro  u sebgha u tletin centezmu(€2,329.37) ghad-dannu tal-Patrijiet Karmelitani Knisja Santa Venera u/jew persuni ohra;

d) Talli fil-perjodu ta' bejn is-sena 2003 u s-sena 2006, f'dawn il-Gzejjer, b'mezzi kontra l-ligi jew billi ghamilt uzu ta' ismijiet foloz jew ta' kwalifiki foloz, jew billi inqdejt b'qerq ieor, ingann, jew billi urejt haga b'ohra sabiex igieghel jitwemmen l-ezistenza ta' intraprizi foloz, jew ta' hlia jew setgha fuq haddiehor jew ta' krediti immaginarji, jew sabiex tqanqal tama jew biza dwar xi grajja kimerika, ghamilt qligh b'qerq ta' aktar minn elfejn tlett mija u disgha u ghoxrin ewro u sebgha u tletin centezmu (€2,329.37) gha-dannu tal-Peace Band Club Naxxar;

e) Talli fil-perjodu ta' bejn ix-xahar ta' Settembru 2006 u x-xahar ta' Mejju 2007, f'dawn il-Gzejjer b'mezzi kontra l-ligi jew billi ghamilt  uzu ta' ismijiet foloz, jew ta' kwalifiki foloz, jew billi inqdejt b'qerq iehor, ingann jew billi urejt haga b'ohra sabiex igieghel jitwemmen l-ezistenza ta' intraprizi foloz, jew ta' hlia jew setgha fuq haddiehor jew ta' krediti immaginarji, jew sabiex tqanqal tama jew biza dwar xi grajja kimerika, ghamilt qligh b'qerq ta' aktar minn mitejn u tnejn u tletin ewro u erbgha u disghin centezmu (€232.94) izda mhux aktar minn elfejn tlett mija u disgha u ghoxrin ewro u sebgha u tletin centezmu (€2,329.37) gha-dannu tal-Ghaqda Muzikali Trininta Qaddisa Marsa u/jew persuni ohra;

f) Talli fis-sena 2003 u fis-snin ta' wara din id-data, f'dawn il-Gzejjer b'mezzi kontra l-ligi jew billi ghamilt  uzu ta' ismijiet foloz, jew ta' kwalifiki foloz, jew billi inqdejt b'qerq iehor, ingann jew billi urejt haga b'ohra sabiexx igieghel jitwemmen l-ezistenza ta' intraprizi foloz, jew ta' hila jew setgha fuq haddiehor jew ta' krediti immaginarji, jew sabiex tqanqal tama jew biza dwar xi grajja kimerika, ghamilt qligh b'qerq ta' aktar minn elfejn tlett mija u disgha u ghoxrin ewro u sebgha u tletin centezmu (€2,329.37) ghad-dannu tal-Knisja Trininta Marsa u/jew persuni ohra;

g) Talli matul is-sena 2005 f'dawn il-Gzejjer b'mezzi kontra l-ligi jew billi ghamilt  uzu ta' ismijiet foloz, jew ta' kwalifiki foloz, jew billi inqdejt b'qerq iehor, ingann jew billi urejt haga b'ohra sabiex igieghel jitwemmen l-ezistenza ta' intraprizi foloz, jew ta' hila jew

setgha fuq haddiehor jew ta' krediti immaginarji, jew sabiex tqanqal tama jew biza dwar xi grajja kimerika, ghamilt qligh b'qerq ta' aktar minn mitejn u tnejn u tletin ewro u erbgha u disghin centezmu (€232.94) izda mhux aktar minn elfejn tlett mija u disgha u ghoxrin ewro u sebgha u tletin centezmu (€2,329.37) ghad-dannu ta' Eugenio u Maria Lourdes Sciberras;

h) Talli fil-perjodu ta' bejn is-sena 2003 u s-sena 2004, f'dawn il-Gzejjer b'mezzi kontra l-ligi jew billi ghamilt uzu ta' ismijiet foloz, jew ta' kwalifiki foloz, jew billi inqdejt b'qerq iehor, ingann jew billi urejt haga b'ohra sabiex igieghel jitwemmen l-ezistenza ta' intraprizi foloz, jew ta' hila jew setgha fuq haddiehor jew ta' krediti immaginarji, jew sabiex tqanqal tama jew biza dwar xi grajja kimerika, ghamilt qligh b'qerq ta' aktar minn mitejn u tnejn u tletin ewro u erbgha u disghin centezmu (€232.94) izda mhux aktar minn elfejn tlett mija u disgha u ghoxrin ewro u sebgha u tletin centezmu (€2,329.37) ghad-dannu ta' Aaron Camilleri;

Rat l-atti kollha tal-kaz u d-dokumenti esebiti;

Qieset id-depozizzjonijiet tax-xhieda mressqa f'dan il-procediment;

Rat ir-*rinvio a giudizio* tal-Avukat Generali tat-10 ta' Awwissu 2012 (ara *folio* 125) u l-kunsens tal-imputat sabiex din il-kawza tigi deciza bil-procedura sommarja (ara folio 155);

Semghet is-sottomissjonijiet finali;

**Ikkunsidrat**;

Illi fil-qosor, dak li rrizulta f'dan il-kaz kien is-segwenti. Fuq informazzjoni anonima li l-imputat setgha kien qieghed jinganna xi nies dwar xogholijiet tal-arti, il-Pulizija bdiet investigazzjoni u waqt tfittxijiet li saru f'postijiet tal-imputat, apparti li gew elevati xi oggetti relatati mal-informatika, gew osservati numru sostanzjali ta' xogholijiet tal-arti, fosthom izda mhux biss, xogholijiet ta' pittura fuq it-tila.

L-imputat kompla jigi investigat f'dan ir-rigward. Gew mitkellma wkoll numru ta' persuni involuti ma' knejjes varji f'Malta.

Li rrizulta a sodisfazzjon tal-Qorti hu li numru ta' xogholijiet tal-arti provduti mill-imputat kienu esebiti u mwahhla fi knejjes f'Malta. Kien qed jigri illi min kien qed jara dan ix-xoghol, u kien qed joghgbu dan ix-xoghol, kien qed jigi riferut ghand l-imputat. Minn naha tieghu, meta l-imputat kien qed jircievi talbiet biex jipprovdi xoghol tal-arti bhal dak esebit, l-imputat kien

qieghed jiehu d-dettalji tal-karatteristici li l-klijent kien qed jitlob u hu kien qieghed jintrabat li jipprovdi dan ix-xoghol. Waqt dawn it-tahdidiet li kien ikollu, l-imputat kien jipprezenta dan ix-xoghol bhala xoghol maghmul minn artist Franciz bl-isem ta' Rengee`.

Irrizulta minghajr ebda ekwivoku li kull min ircieva x-xoghol minghand l-imputat, kien effettivament kuntent u sodisfatt bil-prodott finali. U rrizulta wkoll illi l-unika zball tal-imputat f'dan il-kaz kien li huwa kien qed jipprezenta dan ix-xoghol taht isem Rengee`.

Irrizulta wkoll b'mod car f'dan il-kaz illi l-artist bl-isem Rengee` ma kien effetivament jezisti xejn u din is-sitwazzjoni kienet biss finzjoni tal-imputat. In effetti website www.rengee.net kienet inholqot mill-imputat stess.

Irrizulta b'mod car ghal din il-Qorti li, meta l-klijent kien qed jordna x-xoghol skond l-ispecifikazzjonijiet tieghu, wara li jkun gia ra xoghol iehor provdut mill-imputat, il-kriterju principali li wasslet lill-klijent sabiex jaghmel tali ordni kienet propju l-kriterju tal-estetika u cioe tas-sbuhija intrinsika  tal-bicca tal-arti fiha nnifisha. Izda rrizulta wkoll li sa certu punt, il-klijent kien kurjuz dwar l-allegat artist bl-isem ta` Rengee.

**Ikkunsidrat;**

Illi fil-kuntest tar-rizultanzi processwali l-Qorti tinnota li, in linea generali, il-klijent kien qed jara x-xoghol hawn Malta esebit u kien qed jordna minghand dik l-istess id li tkun ghamlet dak ix-xoghol, naturalment skond l-ispecifikazzjonijiet indikati mill-istess klijent. U allura irrizulta illi finalment il-klijent ikun laqgha ghandu dak li effettivament ghazel u talab hu stess u kien qieghed ihallas ghal dak li effettivament ordna u rcieva.

Il-finzjoni f'mohh l-imputat manifestata minnu bl-atteggjament tieghu, li x-xoghol kien tal-'artist' Rengee`, kienet definittivament tikkostitwixxi gidba. Kif inhu pero risaput fil-kamp legali, is-semplici gidba – *la menzonia* – ma hijiex bizzejjed sabiex jigi kostitwit ir-reat tat-truffa (ir-reat migjub kontra l-imputat). Biex jirrizulta r-reat tat-truffa irid jirrizulta *messa in scena*, raggiri u artifizi li lkoll flimkien jaghmlu struttura artikolata, intiza biex effettivament tinganna lil dak li jkun.

Il-fatt (u dan irrizulta mill-atti) li xi klijenti hassewhom urtati u dizappuntati ghall-fatti kif finalment zvolgew (u cioe` li Rengee ma kienx jezisti fil-verita`) ma huwiex sufficjenti ghar-realizazzjoni tar-reat tat-truffa skond il-Ligi. Imkien f'dan il-process ma rrizultat xi prova li kien hemm da parti tal-imputat qliegh bil-qerq.

Mehud kollox flimkien, il-'htija' morali tal-imputat kienet biss tikkonsisti fil-gidba gia fuq msemmija. Fil-kamp penali, din il-'htija' morali biss ma hijiex bizzejjed. Irid jirrizulta wkoll l-element tal-ingann marbut mal-element tal-qliegh.

Ebda minn dawn l-estremi ma rrizulta f'dan il-process u konsegwentament ma jistax jinghad li l-kaz imressaq kontra l-imputat f'dan il-procediment huwa wiehed sostenibbli skond il-Ligi.

**Decide**

**GHALL-MOTIVI PREMESSI DIN IL-QORTI SSIB U TIDDIKJARA LILL-IMPUTAT MARIORICK (MARIO PATRICK) MIFSUD MHUX HATI TAL-IMPUTAZZJONIJIET KOLLHA KIF DEDOTTI KONTRA TIEGHU U MINNHOM TILLIBERAH SKOND IL-LIGI.**

Dr Ian Farrugia LLD
Magistrat

Marica Mifsud
Deputat Registratur